Kunsill Reġjonali Għawdex

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Reġjonali Għawdex Nru 145/2025**

**It-Tlieta, 26 ta' Awwissu, 2025**

**Il-Kunsill Reġjonali Għawdex iltaqa' ġewwa il-*boardroom* fil-lukanda Kempinski (peress li fl-uffiċċju tar-Reġjun m'hemmx spazju). Il-laqgħa bdiet fis-6:00 ta' filgħaxija.**

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Dr. Samuel Azzopardi | President |
| Is-Sur Brian Azzopardi | Sindku, Kunsilli Lokali tar-Rabat, *Città Victoria* |
| Is-Sur David Apap Agius | Sindku, Kunsill Lokali Għarb |
| Is-Sur Stephen Mercieca | Kunsillier, Kunsill Lokali Għajnsielem |
| Is-Sinjorina Abigail Micallef | Viċi Sindku, Kunsill Lokali Kerċem |
| Is-Sur Baskal Saliba | Sindku, Kunsill Lokali Żebbuġ |
| Is-Sur Noel Formosa | Sindku, Kunsill Lokali San Lawrenz |
| Is-Sur Sammy Saliba | Viċi Sindku, Kunsill Lokali Għasri |
| Is-Sinjura Maria Cassar | Kunsillier, Kunsill Lokali Sannat |
| Is-Sur Thomas Mizzi | Sindku, Kunsill Lokali Fontana |

**ASSENTI B'APOLOĠIJA (SKONT ORDNI PERMANENTI 14A (3)):**

Kunsill Lokali Qala
Kunsill Lokali Munxar
Kunsill Lokali Nadur

**ASSENTI:**

Kunsill Lokali Xewkija
Kunsill Lokali Xagħra

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sinjura Rita Mifsud Attard Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Il President ippresjeda l-laqgħa.

**145.1 Talba**

145.1 Il-laqgħa bdiet billi ntqalgħet it-talba tal-bidu.

**145.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.**

145.2.1 Il-President ippreżenta l-minuti tal-laqgħa 144 li kienu ġew iċċirkolati minn qabel u għaldaqstant, ġew ikkunsidrati bħala moqrija. Dawn ġew approvati.

**145.3 Korrispondenza.**

145.3.1 Ir-Reġjun irċieva korrispondenza mingħand is-Segretarju tas-Soċjeta Filarminika La Stella dwar xiri ta' biljetti għall-opera Tosca fit-Teatru Astra. Il-membri preżenti aċċetaw ix-xiri ta' dawn il-biljetti biex jingħataw lis-Sindki.

145.3.2 Ir-Reġjun irċieva talba mingħand il-Programme Manager fi ħdan id-Diviżjoni għall-Gvern Lokali biex jiltaqa' mas-Sindki waqt laqgħa tar-Reġjun biex jiġi spjegat u jippromwovu City to City Exchanges taħt il-European Urban Initiative (EUI). Din il-laqgħa ssir bil-parteċipazzjoni tas-SEM u fiha jipprovdu lis-Sindki jew rappreżentanti tal-Kunsilli Lokali gwidi prattiċi dwar kif jistgħu jinvolvu l-Kunsilli rispettivi tagħhom f'dan il-programm. Il-membri preżenti aċċettaw din l-inizjattiva u għalhekk is-Segretarju Eżekuttiv għandha tinformahom bid-data tal-laqgħa li jmiss.

145.3.3 Il-Kunsill Reġjonali Għawdex irċieva talba mingħand il-Kunsill Lokali ta' Ta' Kerċem dwar proġett li qed jaħdem fuqu l-Kunsill dwar il-kwiekeb, Orionid Meteor Shower, is-sema bil-lejl u l-wirt kulturali tal-gżira Għawdxija f'Ottubru. Huma talbu biex ir-Reġjun Għawdex jiffinanzja telescopji (14 b'kollox) biex jitqassmu lil kull Kunsill Lokali Għawdxi. Dawn it-telescopji jiswew €500 kull wieħed. Għalkemm il-membri preżenti qablu ma' dan is-suġġeriment u anzi ssuġġerew li l-Kunsill Lokali ta' Ta' Kerċem ikollu telescopju aqwa minn dak li jiswa €500, is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li ma fadalx żmien biżżejjed biex isiru il-proċeduri tal-procurement sa Ottubru. Il-Viċi Sindku spjegat eżatt x'inhu l-ħsieb tal-Kunsill Lokali ta' Ta' Kerċem. Il-Presidenti ssuġġerixxa li jkun hemm diskussjoni mal-Kunsill ta' Ta' Kerċem biex naraw kif nistgħu nassistu f'dan il-proġett.

145.3.4 Ir-Reġjun irċieva korrispondenza mingħand persuna li qed titlob spazju pubbliku biex jinżammu tournaments ta' "board games" (fuq bażi regolari kull ġimgħa). Huma lesti li jħallsu miżata żgħira u dawn it-tournaments idumu madwar 4-5 sigħat. Kien hemm membri preżenti li wrew interess. Is-Segretarju Eżekuttiv għandha tibgħat din l-email lill-Kunsilli Lokali Għawdxin.

145.3.5 Il-Kunsill irċieva risposta mingħand il-Green MT wara li ntbagħtet l-email kif kien ġie mitlub fl-aħħar laqgħa tar-Reġjun Għawdex. Is-Sur Joe Attard (CEO tal-Green MT) talab biex jingħata l-10% li jirċievu l-Kunsill Lokali meta jitħallsu kontravenzjonijiet fil-Kunsilli rispettivi. Dan sabiex dawn il-fondi jagħmlu tajjeb għall-ispejjes inkonnessjoni mall-aċċess tas-CCTV's installata ħdejn il-bring in sites. Hu qal ukoll fil-korrispondenza tiegħu li lest biex jinstalla aktar bins (tal-bring in sites) għal min jrid. Talab ukoll risposta dwar kampanji. Is-Segretarju Eżekuttiv informat lill-membri preżenti li hi bagħtet

risposta għal din l-email fejn informat lis-Sur Attard li l-Kunsill Reġjonali flimkien li mal-Kunsilli Lokali bl-ebda mod ma qed jawtorizza li l-ħlas tal-10% jingħata lil Green MT minflok lill-Kunsilli Lokali. Dwar il-kampanja – din qed issir minn Reġjun Għawdex stess.

145.3.6 Il-Reġjun Għawdex irċieva korrispondenza mingħand il-Kurja ta' Għawdex flimkien mal-amministrazzjoni tal-Isptar Ġenerali ta' Għawdex u Hospice Malta dwar kampanja ta' għarfien lir-residenti Għawdxin dwar is-servizzi provduti minn Hospice Malta. Huma jixtiequ jiltaqgħu mas-Sindki Għawdxin għal dan il-għan. Il-membri preżenti aċċettaw li jiltaqgħu magħhom.

145.3.7 Ir-Reġjun irċieva talba mingħand l-uffiċċju tas-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex dwar "Regional Impact Assessment Study" fuq is-sistema tal-ġbir tal-iskart eżistenti f'Għawdex. Dan sabiex jiġu identifikati l-aspetti prinċipali u sfidi li ġabet ir-riforma ta' 2021 u jiġu indirizzati b'soluzzjonijiet prattiċi. Huma talbu sabiex ir-Reġjun jipprovdi l-informazzjoni u data li għandu relatat mal-iskart. Il-membri preżenti ma sabux oġġezzjoni sabiex din l-informazzjoni tingħata lil-GRDA, l-entita' li qed tħejji dan ir-rapport.

145.3.8 Il-President u Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Għawdex irċevew korrispondenza mingħand is-Sur Joe Tanti f'isem Caceres 2031 team li huma kandidati għal European Capital of Culture 2031 għal Spanja. Huma qed jitolbu proposta għal kooperazzjoni kulturali li tinkludi kollaborazzjoni f'wirt kulturali, impenn taż-żagħżagħ, kultura parteċipattiva u skambji artistiċi. Huma qed jippjanaw żjara istituzzjonali f'Settembru u jixtiequ jiltaqgħu ma' aġenziji tal-gvern, istituzzjonijiet kulturali kif ukoll organizzazzjonijiet indipendenti. Is-Segretarju Eżekuttiv informat lis-sur Tanti li din il-korrispondenza ser tiġi ppreżentata waqt laqgħa tar-Reġjun u bagħtet din il-korrispondenza wkoll lis-Segretarja tal-Fondazzjoni Victoria 2031 peress li kien dieħel iż-żmien għal din iż-żjara. Il-President tar-Reġjun qal li din il-korrispondenza messa ntbagħtet ukoll lill-Kunsill Lokali tar-Rabat (Ċitta Vittoria). Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li peress li hi bagħtitha mill-ewwel lill-Fondazzjoni Victoria 2031, ġenwinament ma ħassitx il-bżonn li tibgħatha lil-Kunsill Lokali tar-Rabat (Ċitta Vittoria), peress li s-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv tal-imsemmi Kunsill huma membri tal-Fondazzjoni Victoria 2031. Ġie riżolt li mil-lum 'il quddiem korrispondenza tali tintbagħat lil-Kunsill Lokali Rabat Città Victoria mill-ewwel.

145.3.9 Ir-Reġjun Għawdex irċieva ittra bil-posta mingħand il-Baruni Dr John Attard Montalto. Hu irrefera għall-inizjattiva "Promoting Health and Sustainable Lifestyle in Gozo". L-ittra hija twila madwar 4 paġni.

145.3.10 Ir-Reġjun għal darb' oħra irċieva l-istatistika mingħand l-ERA dwar l-ispezzjonijiet u taħrikiet li saru mill-uffiċjali ta' din l-entita'. Għal darb' oħra ma ngħatat l-ebda taħrika fix-xhur bejn April-Ġunju. Jidher ċar li l-maġġoranza tal-ispezzjonijiet qegħdin isiru f'Għajnsielem u dan għaliex l-uffiċjali jiġu minn Malta u jibqgħu hemm. Is-Sindki talbu sabiex tintbagħat ittra lill-ERA biex juru n-nuqqas ta' sodisfazzjon tagħhom b'dan is-servizz.

**145.4 Tnedija ta' Kotba f'Għawdex u Preżentazzjoni ta' Kotba.**

145.4.1 Il-President tar-Reġjun irċieva talba mingħand is-Sur Gordon Pisani tal-Kite Group (li huma pubblikaturi tal-kotba) dwar tnedija ta' żewġ kotba tal-Professur Joe Friġġieri kif ukoll donazzjoni ta' kotba lir-Reġjun biex jitqassmu fil-libreriji ta' Għawdex. Is-Sur Pisani wera x-xewqa li dan l-avveniment isir fil-Mitħna tax-Xewkija nhar it-Tlieta, 2 ta' Settembru filgħaxija. Hu talab il-kollaborazzjoni tar-Reġjun Għawdex. Il-membri preżenti qablu li din l-attivita' ssir bil-kollaborazzjoni tar-Reġjun. Għalhekk il-membri preżenti ġew mħeġġa sabiex jattendu flimkien mal-librara tal-lokalitajiet tagħhom. L-attivita' tkun tinkludi diskors tal-Professur Friġġieri u tal-President tar-Reġjun, daqq ta' mużika u bibita.

**145.5 Attivita' tal-Għeluq tas-Sena Region of Culture – Gozo 2025.**

145.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret lill-membri preżenti li s-sena tal-Kultura Gozo 2025 waslet f'aktar minn nofs is-sena tagħha u qed tiġi organizzata l-attivita' finali li ser issir il-Ġimgħa 5 ta' Diċembru fiċ-Ċittadella. Din ser issir fuq bażi ta' nofstanhar ta' avveniment u esibizzjonijiet. Fl-għeluq ser jieħdu sehem diversi kantanti distinti u band.

145.5.2 Il-Kunsilli Lokali ġew mitluba sabiex jarmaw stand (li ser jiġu provduti mir-Reġjun Għawdex) li tesponi artiġjanat jew tradizzjonijiet uniċi tar-raħal tagħhom. Is-Segretarja ġiet mitluba sabiex tibgħat il-qisien tal-istands.

**145.6 Proposti għall-Baġit 2026 mill-Kunsilli Lokali.**

145.6.2 Is-Segretarja Eżekuttiva nformat lill-membri li rċeviet tlett proposti għall-baġit li ser jiżdiedu mat-talbiet li ġew indikati fl-aħħar laqgħa tar-Reġjun. Is-Sindku ta' San Lawrenz talab biex jiżdied ukoll talba biex ikun hemm "revenue sharing" mill-liċenzji kemm tal-ħwienet kif ukoll tal-vetturi.

**145.7 Materji Oħra.**

145.7.1 Fil-laqgħa li jmiss għandu jitniżżel fuq l-aġenda Jum Għawdex.

**145.8 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi ta' pagamenti.**

145.8.1 Fuq proposta tal-President, ġiet approvata l-iskeda tal-pagamenti 155 li kienet tammonta għal €266,596.63.

**145.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-Seduta li jmiss.**

144.8.1 Il-laqgħa ntemmet fis-19:00 u ġiet skedata għal nhar it-Tlieta, 23 ta' Settembru fis-6:00 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATI** | **IFFIRMATI** |
| ______________________ | ______________________ |
| Dr. Samuel Azzopardi | Rita Mifsud Attard |
| President | Segretarju Eżekuttiv |